

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarij](#) > [Tariffi Tal-qorti Dwar Il-proċedura Tal-ħlas Ewropea](#) > [Greece](#)

Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura tal-ħlas Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn
Greċja



Greċja

Introduzzjoni

Jekk inti individwu privat u inti, jew jekk għandek avukat li jaġixxi għalik, ippreżenta rikors quddiem qorti li jitlob ordni ta' ħlas Ewropea (formola A tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006), u trid tħallas l-ispejjeż xierqa tal-qorti kif previst fil-liġi nazzjonali. Jekk tippreżenta r-rikors personalment, mingħajr avukat, tkun eżentat milli tagħmel ħlas bil-quddiem fuq it-tariffi tal-avukati (ara l-premessa 26 tar-Regolament). Jekk ir-rikors tiegħek jiġi aċċettat u tinħareġ l-ordni Ewropea għall-ħlas (formola E tar-Regolament), u sussegwentement ma titressaq l-ebda oġġezzjoni u l-ordni tiġi ddikjarata bħala eżekutorja (il-formola G), tirċievi titolu eżekuttiv, u jkollok tħallas tariffa għal kopja awtentikata (télos apográfou) skont it-tip ta' talba (f'konformità mal-Kodiċi dwar it-Taxxa tal-Boll (Kódika Telón Chartosímou)).

Liema tariffi huma applikabbli?

Meta tibgħat il-formola A, trid tħallas taxxa tal-boll (télos chartosímou — il-boll jitwaħħal fuq ir-rikors, ara l-Kodiċi dwar it-Taxxa tal-Boll) u taxxa tal-boll ġudizzjarja (télos dikastikoú ensímou — trid tixtri boll ġudizzjarju jew tibgħat irċevuta tat-tip B minn ufficiċju tat-taxxa (DOY)) — minħabba li hija verżjoni elettronika —, li trid tiġi inkluża fl-atti tal-kawża, ara l-Liġi 3978/1912, kif emendata bl-Artikolu 63(IC1) tal-Liġi 4093/2012: tmienja minn kull elf tal-ammont pretiż flimkien mal-imposti parafiskali, kull meta l-ammont mitlub jaqbeż il-EUR 200. Barra minn hekk, isiru ħlasijiet lill-korpi nazzjonali li jiġu kkalkulati abbażi tal-ammont tal-pretensjoni.

Kemm irrid inħallas?

L-ammont tal-ispejjeż tal-qorti jiġi kkalkulat abbażi tas-somma li l-ordni tintalab għaliha skont il-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq.

X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?

Il-qorti ma tiñux konjizzjoni tar-rikors tiegħek għal ordni ta' ħlas Ewropea jew għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ħlas Ewropea li tkun ġiet iddikjarata eżekutorja.

Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?

Personalment biss lill-qorti li tiġi ppreżentata bil-formola A jew li ssirilha talba għal titolu eżekuttiv abbażi tal-formola G. Bħalissa, l-ebda ħlas elettroniku tal-ispejjeż tal-qorti ma huwa previst.

X'nagħmel wara l-pagament?

Trid tressaq ir-rikors quddiem il-qorti.

■ L-aħħar aġġornament: 12/03/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.